MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 200/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Neville Aquilina)**
**Vs**
**Francis Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

1. F'dawn il-Gżejjer, fit-08.03.1996 u f'dawn l-ahhar tnax (12)-il xahar qabel din id-data, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli f'dawn il-Gżejjer, fl-istess data, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta,.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' April, 2010, li biha, in vista ta' l-ammissjoni u wara li rat l-artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, dan fir-rispett ta' l-eċċezzjoni sollecitata mid-difiza, rat ukoll ir-regolament 4 u 9 tal-GN 292/1939, kif ukoll l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant ħati w ikkundannatu piena karċerarja ta' sentejn (2) kif ukoll multa ta' €2,330.
Dwar l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti nnutat li tali spejjeż mhux kwantifikati fl-atti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-10 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn instabet il-htija w thassar l-istess kwantu għall-piena w dana billi tinfliggi piena anqas ħarxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi dan huwa appell limitatament ghall-piena w dana peress li l-appellant kien ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu fil-mori ta’ dawn il-proceduri. Illi huwa minnu li r-reat li tieghu kien akkużat l-appellant huwa wieħed gravi u jġib ħsara fuq is-soċjeta’ iżda l-appellant jikkontendi li l-piena ta’ sentejn priġunerija effettiva hija waħda ħarxa wisq. Illi minkejja li l-fedina penali hija waħda refrattarja, l-appellant jikkontendi li llum huwa rriforma ruħu u nqata’ għal kollox mill-vizzju tad-droga. Illi l-Qorti tal-Appell f’diversi sentenzi qalet li f’każijiet fejn l-akkuzat ikun wera x-xewqa li jirriforma ruħu u saħansitra bħal f’dan il-kaz irriforma ruhu kompletament mill-vizzju tad-droga hija kienet propensa li tieħu in kunsiderazzjoni tnaqqis fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. Illi llum l-appellant ghandu l-eta’ li għandu u għandu familja w mpjieg fiss. Illi terminu fit-tul ta’ priġunerija bhal ma hija dik hawn ta’ sentejn ikun ifisser li huwa se jkun f’pożizzjoni diffiċli wara li joħroġ mill-ħabs biex ikun jista’ jerġa’ jsib mpjieg ieħor. Huwa wkoll minnu li l-piena f’reati bħal dawn tibda minn 6 xhur prigunerija sa 10 snin iżda hija tal-fehma tal-appellant li l-Ewwel Qorti setghet tapplika piena li tersaq vicin iktar tal-minimu impost mil-ligi u dan fid-dawl li l-appellant irriforma ruħu. Illi ghalhekk l-appellant ghandu jibbenifika minn tnaqqis fil-piena ta’ sentejn priġunerija nflitta mill-Ewwel Qorti.

Semgħet lill-abbli difensur jittratta dwar il-piena fejn huwa għamel enfasi kbira fuq il-bidla li seħħet fl-appellant.

Filfatt, b'din il-bidla, lanqas wieħed jagħraf lill-imputat minn dak li kien qabel.

Il-Qorti kkonsidrat dawn il-fatturi:

a) li l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza tagħha kkonsidrat diversi fatturi fosthom iż-żmien konsiderevoli li ttieħed biex inġabret ix-xhieda. Waqt li l-imputat ġieli ma deherx, (fol 177, 184, 187, 190, 193, 196, 202), ħafna drabi l-Prosekuzzjoni ma dehritx ukoll; u

b) il-fedina penali tal-imputat li turi li wkoll qabel ma seħħew ir-reati msemmija fil-proċess l-imputat kien diġa' mar il-ħabs u waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri ( u wara li kienu nbdew l-istess proċeduri) reġa' nstab fil-pussess tad-droga jew għen lil ħadd ieħor jikseb id-droga (27.03.1997); u

ċ) l-ammissjoni tal-imputat stess fit-8 ta' Marzu 1996; u

d) il-fatt li jidher li l-ispaċċjar tad-droga ma sarx ma' persuna waħda biss iżda ma' diversi persuni u saħansitra ripetutament kif jidher mix-xhieda ta' wieħed mix-xerrejja a fol 86 tal-proċess.

Huwa tassew li llum l-imputat m'għadux li kien. Iżda fil-fehma tal-Qorti l-piena tal-Qorti tal-Maġistrati kienet waħda idonea u ġusta u m'hemmx xi tnaqqas fiha jekk wieħed iqis il-fatturi kollha t'hawn fuq.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi dan l-appella billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati nhar it-28 t'April, 2010 fl-ismijiet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------